Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 06/15

**AVVIŻI**

**29 ta' Novembru 2015**

---

Illum huwa l-aħħar Ħadd tax-xahar u għalhekk il-Ġabra li ssir tmur għall-bżonnijiet tal-Knisja u tal-Parroċċa. Il-Ġabra ta' Ottubru kienet ta' €460.94. Nirringrazzjawkom li tgħinuna nkomplu nżommu l-familja parrokkjali tagħna ħajja.

---

Bi tħejjija għall-beatifikazzjoni ta' żewġ Martri Franġiskani sa ssir velja ta' talb fil-parroċċa tal-Qawra nhar il-Ħamis 3 ta' Diċembru fis-7pm. Tkun ħaġa sabiħa li nieħdu sehem.

Nhar is-Sibt filgħodu tiftaħ il-Librerija fiċ-Ċentru. Filgħaxija jkun hawn l-Adorazzjoni Ewkaristika tal-Ewwel Sibt tax-xahar fil-5.15pm. Qabel il-quddiesa tas-Sibt filgħaxija ssir Ċelebrazzjoni qasira li fiha tinxtgħel il-Girlanda li tfakkarna fil-mixja tagħna lejn Ġesù li hu d-dawl tagħna.

Nhar is-Sibt 5 u l-Ħadd 6 ta' Diċembru jkun hemm il-Bazaar b'risq il-Festa fil-*crying room*.

Nhar il-Ħadd 6 ta' Diċembru sa jsir l-Irtir għall-parruċċani kollha fiċ-Ċentru Parrokkjali. Jibda fid-9.30am u jispiċċa f'nofsinhar u jmexxih P. Thomas Calleja.

---